



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 12.9.2011
KUMM(2011) 549 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rapport Annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet
tal-Unità Ċentrali tal-EURODAC fl-2010**

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet tal-Unità Ċentrali tal-EURODAC fl-2010.

1. INTRODUZZJONI

1.1. L-ambitu

Ir-Regolament tal-Kunsill KE/2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' Eurodac għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (minn hawn 'il quddiem ir-'Regolament EURODAC')¹, jistipula li l-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Unità Ċentrali². It-tmien rapport annwali attwali jinkludi informazzjoni dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni tas-sistema fl-2010. Dan jivvaluta r-riżultat u l-kost-effettività tal-EURODAC, kif ukoll il-kwalità tas-servizz tal-Unità Ċentrali tagħha.

1.2. Żviluppi legali u tal-politika

Fil-11 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni adottat l-proposta Emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' 'EURODAC' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru [...] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wiehied mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat]³.

Il-proposta Emendata għal Ottubru tal-2010 ħadet post il-proposta adottata mill-Kummissjoni f'Settembru tal-2009, li, flimkien mal-proposta li takkumpanja d-Deċiżjoni tal-Kunsill rigward l-aċċess għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi⁴, skadiet bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u t-tneħħija tas-sistema tal-pilastri. Skont il-Komunikazzjoni dwar il-konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jkunu għadhom għaddejjin⁵, tali proposta tiġi rrevokata formalment u tiġi ssostitwita minn proposta ġdida li tikkunsidra l-qafas il-ġdid tat-TFUE.

Madankollu, bil-ħsieb li jkun hemm progress fin-negozjati dwar il-pakkett tal-asil u tiġi ffaċilitata l-konklużjoni tal-ftehim fuq ir-Regolament

¹ ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1.

² L-Artikolu 24(1) tar-Regolament EURODAC.

³ COM(2010) 555 finali.

⁴ COM(2009) 344 finali.

⁵ COM(2009) 665 finali/2.

EURODAC, il-Kummissjoni tqis li jkun aktar xieraq li ma tissostitwix il-proposta skaduta għal Deċizzjoni tal-Kunsill ta' Settembru tal-2009. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni rtirat ukoll, mill-proposta tal-EURODAC, dawk id-dispożizzjonijiet li jitrattaw l-aċċess għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi.

Barra minn hekk, Il-Kummissjoni kkunsidrat li adozzjoni aktar bil-ħeffa tar-Regolament EURODAC il-ġdid, tiffaċilita t-twaqqif f'waqtu tal-Aġenzija għall-immaniġjar operazzjonali ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, peress li huwa ppjanat li din l-Aġenzija tkun ukoll responsabbli mill-ġestjoni tal-EURODAC⁶.

Il-proposta Emendata ta' Ottubru 2010 bħalissa qed tiġi diskussa mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

2. L-UNITÀ ĊENTRALI TAL-EURODAC⁷

2.1. L-amministrazzjoni tas-sistema

Minħabba l-ammont dejjem jikber ta' dejta li għandha tiġi ġestita (ċerti kategoriji ta' tranżazzjonijiet għandhom jintrefgħu għal 10 snin), l-iskadenza naturali tal-pjattaforma teknika (mwaqqfa fl-2001) u x-xejriet mhux prevedibbli tal-volum tat-tranżazzjonijiet tal-EURODAC, il-Kummissjoni wettqet titjib fis-sistema tal-EURODAC. Il-proġett tal-IT, imsejjaħ EURODAC PLUS, kien immirat biex a) jissostitwixxi l-infrastruttura tal-IT li għaddha żmienha, b) tiżdied il-kapaċità u l-prestazzjoni ġenerali tas-sistema, c) l-iżgurar ta' sinkronizzazzjoni tad-dejta aktar veloċi, sikura u affidabbli bejn is-Sistema tal-Produzzjoni u s-Sistema tal-Kontinwità tan-Negoġju. Fl-2010, it-Testijiet tal-Aċċettazzjoni Provviżorja (PAT) u t-Testijiet tal-Aċċettazzjoni Operazzjonali (OAT) tlestew b'suċċess.

It-Test tal-Aċċettazzjoni Provviżorja sar bejn Marzu u Awwissu tal-2010 u kien immirat biex jittestja l-konformità sħiħa tas-sistema l-ġdida mar-rekwiżiti stabbiliti tas-sistema. It-Test tal-Aċċettazzjoni Operazzjonali (OAT) kien immirat biex jittestja l-konformità sħiħa tal-EURODAC PLUS mas-sistemi eżistenti tal-IT tal-Istati Membri u inkluda l-involviment attiv ta' 6 Stati Membri (il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, is-Slovenja u r-Renju Unit). Bida fid-9 ta' Awwissu 2010 u tlesta b'suċċess fit-13 ta' Settembru 2010.

⁶ COM(2010)96 finali

⁷ Ir-Regolament EURODAC jipprovdi għall-implimentazzjoni ta' Unità Ċentrali mmaniġġjata mill-Kummissjoni Ewropea li tinkludi Sistema Awtomatizzata tal-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS) li għandha tirċievi d-dejta u titrażmetti tweġibiet ta' tiftix li 'jirriżulta jew ma jirriżultax' lill-Unitajiet nazzjonali (Punti Nazzjonali ta' Aċċess) f'kull Stat Membru. Ir-Regolament EURODAC u r-Regoli Implimentattivi tiegħu jidentifikaw ir-responsabbiltajiet għall-ġbir, it-trażmissjoni u t-tqabbil tad-dejta tal-marki tas-swaba', il-mezzi li permezz tagħhom tista' ssir it-trażmissjoni, il-kompiti statistiċi tal-Unità Ċentrali u l-istandards użati għat-trażmissjoni tad-dejta.

L-aħħar fażi tal-proġett – it-Test Finali tal-Aċċettazzjoni – kien jinkludi l-operazzjonijiet paralleli tas-sistema l-qadima u l-ġdida għal tliet (3) xhur konsekuttivi u t-tqabbil tar-risultati kuljum. It-Test Finali tal-Aċċettazzjoni beda f'Novembru u ntemm fi Frar tal-2011.

2.2. Il-kwalità tas-servizz u l-kost-effettività

Il-Kummissjoni ħadet ħsieb sew li twassal servizz ta' kwalità għolja lill-Istati Membri, li huma l-utenti finali tal-Unità Ċentrali tal-EURODAC. L-Istati Membri kienu infurmati bis-sħiħ dwar meta s-servizz ma kienx disponibbli, li esklużivament f'kull okkażjoni kien minħabba attivitajiet marbuta mal-aġġornament EURODAC (EURODAC PLUS). B'mod ġenerali, fl-2010, l-Unità Ċentrali tal-EURODAC kienet disponibbli għal 99.76% tal-ħin.

In-nefqa għall-manutenzjoni u għall-operat tal-Unità Ċentrali fl-2010 kienet ta' EUR 2 115 056,61. Iż-żieda fin-nefqa mqabbla mas-snin preċedenti (EUR 1 221 183,83 fl-2009, EUR 605 720,67 fl-2008) hi spjegata bl-aġġornament tas-sistema EURODAC (EURODAC PLUS). Il-prezz fiss għall-implimentazzjoni tal-EURODAC PLUS hu ta' EUR 3 055 695,49: 20% (EUR 611 139,10) tħallsu fl-2009, 60% (EUR 1 833 417,29) tħallsu fl-2010 u l-bqija 20% (EUR 611 139,10) se jitħallsu fl-2011.

Ċertu tfaddil kien possibbli permezz tal-użu effiċjenti tar-riżorsi u l-infrastrutturi eżistenti amministrati mill-Kummissjoni, bħall-użu tan-network s-TESTA⁸. Il-Kummissjoni tipprovdi wkoll (permezz tal-Programm ISA⁹) is-servizzi ta' komunikazzjoni u ta' sigurtà għall-iskambju tad-dejta bejn l-Unitajiet Ċentrali u Nazzjonali. Dawn il-kostijiet, li fil-bidu kienu maħsuba biex jintrefgħu minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 21 (2) u (3) tar-Regolament, f'dal-każ ġew koperti mill-Kummissjoni bl-użu ta' infrastruttura komuni disponibbli.

2.3. Il-Protezzjoni tad-dejta u s-sigurtà tad-dejta

L-Artikolu 18 paragrafu 2 tar-Regolament EURODAC jistabbilixxi kategorija ta' tranżazzjonijiet li tipprovdi għall-possibbiltà li jsiru l'hekk imsejja 'tfittxijiet speċjali' fuq it-talba tal-persuna li d-dejta tagħha hi merfugħa fil-bażi tad-dejta ċentrali biex tissalvagwardja d-drittijiet tagħha, bħala persuna li dwarha hemm id-dejta, biex ikollha aċċess għad-dejta tagħha.

⁸ In-network S-TESTA (Servizzi Trans-Ewropej Siguri għal Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet) jipprovdi infrastruttura ġenerika biex iservi l-ħtiġijiet tan-negozju u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet Ewropej u daww nazzjonali.

⁹ L-ISA (Soluzzjoni għall-Interoperabilità għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi Ewropej) hu l-programm il-ġdid biex itejjeb il-kooperazzjoni elettronika fost l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Istati Membri tal-UE. Dan ikompli mal-programm li kien hemm qabel l-IDA II (Interskambju ta' Dejta bejn l-Amministrazzjonijiet) u IDABC (it-Twassil Interoperabbli ta' Servizzi Ewropej ta' eGovernment lill-Amministrazzjonijiet Pubbliċi, lin-Negozji u liċ-Ċittadini).

Kif enfasizzat fir-rapporti annwali preċedenti, matul l-ewwel snin tal-operat tal-EURODAC, volumi kbar ta' "tfittxijiet speċjali" taw bidu għal tħassib dwar l-użu mhux xieraq, li jista' jsir mill-għan ta' din il-funzjonalità mill-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Fl-2010, saru total ta' 66 tfittxija bħal dawn li jirrappreżentaw żieda żgħira meta mqabbla mal-2009 (42) u l-2008 (56). Madankollu din iċ-ċifra tindika li l-volum ta' tfittxijiet speċjali jidher li sar stabbli f'livell aċċettabbli meta mqabbel mal-livell għoli tal-aktar reċenti fl-2007 (195).

Biex dan il-fenomeni jiġi mmonitorjat aħjar, il-Kummissjoni inkludiet, fil-proposta tagħha għall-emenda tar-Regolament EURODAC, il-ħtieġa li l-Istati Membri jibagħtu kopja tat-talba għal aċċess tal-persuna li dwarha hemm id-dejta lill-awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti.

3. ĊIFRI U KONKLUŻJONIJIET

L-anness meħmuż ma' dan ir-rapport annwali fih tabelli b'dejta fattwali prodotta mill-Uniċa Ċentrali għall-perjodu 01.01.2010 – 31.12.2010. L-istatistiki tal-EURODAC huma bbażati fuq rekords ta' (1) marki tas-swaba' mill-individwi kollha ta' 14-il sena jew aktar li applikaw għall-asil fi Stati Membri ('kategorija 1'), (2) marki tas-swaba' ta' persuni li nqabdu meta kienu qed jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru b'mod irregolari ('kategorija 2'), jew (3) ta' persuni li nstabu preżenti illegalment fit-territorju ta' Stat Membru (fil-każ li l-awtoritajiet kompetenti jikkonsidrawha neċessarja jivverifikaw fuq applikazzjoni potezzjonali għall-asil preċedenti) ('kategorija 3').

Id-dejta tal-EURODAC dwar l-applikazzjonijiet għall-asil ma jistgħux jitqabblu ma' dawk prodotti mill-Eurostat, li huma bbażati fuq dejta statistika ta' kull xahar ipprovduta mill-Ministeri tal-Ġustizzja u l-Intern. Hemm numru ta' raġunijiet metodoloġiċi għal dawn id-differenzi. L-ewwel, id-dejta tal-Eurostat tinkludi l-applikanti kollha għall-asil, jiġifieri ta' kull età. It-tieni, id-dejta tagħhom hi miġbura b'distinzzjoni bejn persuni li japplikaw għall-asil matul ix-xahar ta' referenza (li jista' jinkludi applikazzjonijiet repetuti) u persuni li japplikaw għall-asil għall-ewwel darba.

3.1. It-tranzazzjonijiet b'suċċess

'Tranżazzjoni b'suċċess' hija tranżazzjoni li ġiet ipproċessata sew mill-Uniċa Ċentrali, mingħajr rifjut minħabba kwistjoni ta' validità tad-dejta, żbalji fil-marki tas-swaba' jew kwalità mhix suffiċjenti¹⁰.

Fl-2010, l-Uniċa Ċentrali rċeviet total ta' 299 459 tranżazzjoni b'suċċess, li huwa tnaqqis żgħir ta' 15.3% meta mqabbel mal-2009 (353 561).

¹⁰ It-Tabella 2 tal-Anness turi fid-dettall it-tranżazzjonijiet b'suċċess għal kull Stat Membru, mqassma skont il-kategorija, bejn l-1 ta' Jannar 2010 u t-31 ta' Diċembru 2010.

Ix-xejra dejjem tiżdied tas-snin preċedenti fir-rigward tan-numru ta' tranżazzjonijiet tad-dejta ta' dawk li jfittxu l-asil ('**kategorija 1**') inkisret fl-2010, li rat tnaqqis għal 215,463 (9%) talba meta mqabbla mal-2009 (236 936) u l-2008 (219 557).

Ix-xejra dwar in-numru ta' persuni li nqabdu b'konnessjoni ma' qsim irregolari ta' fruntiera esterna ('**kategorija 2**') segwiet l-istess mudell tal-2009. Wara li laħaq il-61 945 fl-2008, in-numru ta' tranżazzjonijiet niżel għal 31 071 fl-2009, u fl-2010 n-numru niżel għal 11 156 tranżazzjoni. Il-Greċja, l-Italja u Spanja jibqgħu l-aktar Stati Membri bil-kbir li introduċew tranżazzjonijiet bħal dawn. Filwaqt li baqgħet il-pajjiż bl-akbar numru ta' tranżazzjonijiet fl-2010, il-Greċja introduċiet notevolment anqas tranżazzjonijiet (4 486) milli fl-2009 (18 714). Bl-istess mod, l-Italja (minn 7 300 għal 2 485) u Spanja (minn 1 994 għal 1 674) raw tnaqqis fin-numru ta' tranżazzjonijiet fl-2010 meta mqabbel mal-2009, bit-tnaqqis fiċ-ċifri tal-Italja jkun partikolarment notevoli.

Fl-2010, l-istess 6 Stati Membri (ir-Repubblika Ċeka, l-Islanda, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Norveġja u l-Portugall) bħas-sena preċedenti ma baġhtu l-ebda tranżazzjoni tal-'kategorija 2'. Kif spjegat fir-rapport tal-2009, il-kwistjoni ta' diverġenza bejn n-numru tad-dejta tal-kategorija 2 mibgħuta lill-EURODAC u sorsi oħrajn ta' statistiċi dwar il-volum ta' qsim irregolari ta' fruntieri fl-Istati Membri, enfasizzati mill-istatistiċi tal-EURODAC, hi minħabba d-definizzjoni vaga fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament EURODAC¹¹. Din il-kwistjoni se tiġi kkjarifikata fil-qafas tar-reviżjoni attwali tar-Regolament EURODAC.

In-numru totali ta' tranżazzjonijiet tal-"**kategorija 3**" (id-dejta ta' persuni maqbuda waqt li qed jgħixu illegalment fit-territorju ta' Stat Membru) niżel fl-2010 (għal 72 840) mqabbel mal-2009 (85 554). L-Irlanda hi l-unika Stat Membru li ma baġhat l-ebda tranżazzjoni tal-"kategorija 3".

Minkejja li tiftix tal-"kategorija 3" mhuwiex obligatorju skont ir-Regolament EURODAC, il-Kummissjoni tinkoraġixxi lill-Istati Membri biex jużaw din il-possibbiltà qabel ma' jibdew il-proċeduri ta' ripatrijazzjoni skont id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment¹². F'dawn il-każi msemmija mir-Regolament EURODAC¹³, tali tiftix jista' jgħin

¹¹ 'Kull Stat Membru għandu, bi qbil mal-protezzjonijiet preskritti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, jieħu fil-pront il-marki ta' swaba tas-swaba kollha ta' kull barrani li jkollu ta' l-inqas 14-il sena li jinqabad mill-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntjera ta' dak l-Istat Membru wara li jkun ġie minn pajjiż terz u li *ma jintbagħatx lura fih*.'

¹² ĠU L 348, 24.12.2008.

¹³ L-Artikolu 11 '(...) Bħala regola ġenerali hemm bażi sabiex isiru kontrolli ta' jekk il-barrani jkunx tefa' applikazzjoni għal asil fi Stat Membru ieħor fejn: (a) il-barrani jiddikjara li hu ppreżenta applikazzjoni għall-asil imma mingħajr ma indika l-Istat Membru li fih kien għamel l-applikazzjoni; (b) il-barrani ma talabx l-asil imma joġġezzjona li jintbagħat lura lejn il-pajjiż

biex jistabbilixxi jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz applikax għal asil fi Stat Membru ieħor fejn din il-persuna għandha tiġi ripatrijata skont ir-Regolament ta' Dublin.

3.2. 'Hits'

3.2.1. *Applikazzjonijiet multipli għall-asil (hits ta' "kategorija 1 mqabbla ma' kategorija 1")*

Minn total ta' 215,463 applikazzjoni għall-asil reġistrati fil-EURODAC fl-2010, 24,16% ġew irreġistrati bħala 'applikazzjonijiet multipli għall-asil' (jiġifieri t-tieni jew iżjed), li jfisser li f'52 064 każ, il-marki tas-swaba' tal-istess persuna kienu diġà reġistrati bħala tranżazzjoni tal-"kategorija 1" (fl-istess jew fi Stat Membru ieħor). Fl-2009, l-istess ċifra kienet 55 226 (23,3%). Madankollu, il-prattika ta' wħud mill-Istati Membri li jieħdu l-marki tas-swaba' meta jittieħdu lura skont ir-Regolament ta' Dublin tirriżulta f'distorsjoni tal-istatistika dwar l-applikazzjonijiet multipli: it-teħid u t-trażmissjoni mill-ġdid tal-marki tas-swaba' tal-applikant meta jasal, wara trasferiment skont ir-Regolament ta' Dublin jindika bi żball li l-applikant applika għall-asil mill-ġdid. Il-Kummissjoni bi ħsiebha li ssolvi din il-problema u, fil-proposta tagħha tal-emenda għar-Regolament tal-EURODAC, introduċiet il-ħtieġa li t-trasferimenti m'għandhomx jiġu reġistrati bħala applikazzjonijiet għall-asil ġodda.

It-tabella 3 tal-Anness turi, għal kull Stat Membru, in-numru ta' applikazzjonijiet għall-asil li jikkorrispondu għall-applikazzjonijiet għall-asil reġistrati preċedentament fi Stat Membru ieħor ("hits barranin") jew fl-istess Stat Membru ("hits lokali")¹⁴.

Fl-2010, total ta' 35% tal-applikazzjonijiet multipli kollha kienu hits lokali. F-numru ta' Stati Membri (il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, l-Italja, il-Polonja, l-Islovakkja, ir-Renju Unit) din iċ-ċifra saħansitra tisboq il-50%. Il-persentaġġ ta' hits lokali fl-2009 kien ta' 38,8%. Każi speċifiċi fejn persuna li tkun applikat għall-asil fi Stat Membru tagħmel applikazzjoni oħra fl-istess Stat Membru, fil-fatt il-hits lokali jirriflettu l-prinċipju ta' applikazzjoni sussegwenti skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva tal-

tal-oriġini tiegħu għaliex stqarr li kien se jkun fil-periklu, jew (c) il-barrani altrimenti jipprova jipprevjeni t-tneħħija tiegħu billi jirrifjuta li jikkooopera biex l-identità tiegħu tiġi stabbilita, b'mod partikolari billi juri dokumenti tal-identità ffalsifikati jew ma juri l-ebda dokument.'

¹⁴ L-istatistika dwar il-hits lokali li jinsabu fit-tabelli jistgħu ma jikkorrispondux mat-tweġibiet għall-hits trażmessi mill-Unià Ċentrali u reġistrati mill-Istati Membri. Ir-raġuni għal dan hi li l-Istati Membri mhux dejjem jużaw il-possibbiltà, stipulata fl-Artikolu 4(4), li titlob lill-Unià Ċentrali biex tfittex li tqabbel mad-dejta tagħhom stess li diġà qiegħda fid-database Ċentrali. Madanakollu, ukoll meta l-Istati Membri ma jużawx din il-possibbiltà, l-Unià Ċentrali trid, għal raġunijiet tekniċi, dejjem tagħmel tqabbil mad-dejta kollha (nazzjonali u barranija) merfugħa fl-Unià Ċentrali. F'dawn il-każi konkreti, ukoll jekk ikun hemm qbil ma' dejta nazzjonali, l-Unià Ċentrali se tirrispondi sempliċement li 'l-ebda hit' billi l-Istat Membru ma saqsie x għat-tqabbil tad-dejta mressqa mad-dejta tiegħu stess.

Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifugjat¹⁵.

Hits barranin jagħtu indikazzjoni tal-movimenti sekondarji tal-persuni li jfittxu l-asil fl-UE. Bħal fis-snin preċedenti, l-istatistika tikkonferma li l-movimenti sekondarji li rajna mhux neċessarjament isegwu r-rotot 'loġiċi' bejn l-Istati Membri ġirien. Pereżempju, Franza baqgħet tirċievi l-ogħla numru ta' hits barranin minn persuni li jfittxu l-asil qabel ippreżentaw applikazzjoni fil-Polonja (2,081). L-istess mudell jista' jiġi osservat fir-Renju Unit fejn l-ogħla numru ta' hits barranin saru meta mqabbla mad-dejta mill-Italja (484). L-istatistika fuq hits barranin ma timxix f'direzzjoni waħda biss minn pajjiżi bi fruntiera ta' art esterna jew dawk li jmissu mal-Mediterran lejn l-Istati Membri li qegħdin aktar 'il fuq. Madankollu, l-istatistika li tindika flussi sekondarji lejn pajjiżi bi fruntiera ta' art esterna jew dawk li jmissu mal-Mediterran tista' fil-biċċa l-kbira tiġi attribwita għall-prattika ta' xi Stati Membri għat-teħid ta' marki tas-swaba' meta l-persuni jittieħdu lura skont ir-Regolament ta' Dublin.

3.2.2. Hits "Kategorija 1" mqabbla ma' "kategorija 2"

Dawn il-hits jagħtu indikazzjoni tar-rotot li użaw persuni li daħlu irregolarment fit-territorju tal-Istati Membri, qabel ma applikaw għall-asil. Fl-2010, bħal fl-2009, il-biċċa l-kbira tal-hits seħħew b'rabta mad-dejta li ntbagħtet mill-Greċja (6 934) u l-Italja (3 752). In-numri għall-Ungerija (545), il-Bulgarija (545), Franza (530) u Spanja (238) kienu wkoll pjuttost notevoli. Madankollu, hu sorprendenti li fir-rigward tal-Bulgarija (96%) u Franza (71,9%) il-biċċa l-kbira ta' dawn il-hits, fil-fatt kienu hits lokali.

Meta qieħed iqabbel l-2010 mal-2009 wieħed jista' josserva żieda żgħira minn 65,2% għal 73,4% fil-każijiet ta' persuni li nqabdu b'konnessjoni mal-qsim irregolari tal-fruntieri, li aktar tard jiddeċiedu li jippreżentaw talba għall-asil. Madankollu, meta wieħed iqabbel in-numru assolut tal-hits, hemm tnaqqis drammatiku minn 20 363 fl-2009 għal 11 939 fl-2010.

Il-biċċa l-kbira ta' dawk li daħlu fl-UE illegalment minn ġol-Greċja (5 930) u baqgħu għaddejjin, ivvjaġġaw lejn il-Ġermanja (1 478), Franza (886), u r-Renju Unit (645) jew l-Isvezja (635). Dawk li baqgħu għaddejjin wara li daħlu illegalment mill-Italja l-biċċa l-kbira marru l-Isvizzera (1 222), l-Isvezja (642) jew il-Ġermanja (419). Minn dawk li daħlu minn Spanja (238) il-biċċa l-kbira marru jew lejn Franza (98), il-Belġju (39) jew l-Isvizzera (39), filwaqt li dawk li baqgħu għaddejjin wara li tteħdulhom il-marki tas-swaba' fl-Ungerija (545) il-biċċa l-kbira marru lejn il-pajjiżi ġirien tal-Awstrija (160) jew il-Ġermanja (82).

3.2.3. Hits "kategorija 3 mqabbla ma' kategorija 1"

Dawn il-hits jagħtu indikazzjoni fejn immigranti illegali applikaw għall-asil għall-ewwel darba qabel ma vvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor. Madankollu,

¹⁵

ĠU L 326, 13.12.2005.

wieħed għandu jżomm f'moħħu, li s-sottomissjoni tat-tranżazzjonijiet tal-"kategorija 3" m'humiex obligatorji u li mhux l-Istati Membri kollha jużaw il-possibbiltà ta' dan il-kontroll sistematikament.

Id-dejta disponibbli tindika li l-maġġornaza tal-flussi ta' persuni li nqabdu meta kienu qed joqgħodu illegalment fi Stat Membru differenti minn dak li minnu talbu l-asil spiċċaw fi ftit Stati Membri, b'mod partikolari l-Ġermanja (6 652), l-Isvizzera (2 542), il-Pajjiżi l-Baxxi (3 415), Franza (2 232) u l-Astrija (1 668).

3.3. Id-dewmien tat-tranżazzjoni

Ir-Regolament EUODAC bħalissa jipprovdi biss skadenza vaga għat-trażmissjoni ta' marki tas-swaba', li tista' twassal għal dewmien sinifikanti fil-prattika. Din hija kwistjoni kruċjali minħabba li dewmien fit-trażmissjoni jista' jwassal għal riżultati li jmorru kontra l-prinċipji ta' responsabbiltà stabbiliti fir-Regolament ta' Dublin. Il-kwistjoni ta' dewmien esaġerat bejn it-teħid tal-marki tas-swaba' u li dawn jintbagħtu lill-Unità Ċentrali EUODAC kienet imsemmija fir-rapport annwali preċedenti u enfasizzata bħala problema ta' implimentazzjoni fir-Rapport ta' Evalwazzjoni.

L-istess bħas-sena preċedenti, l-2010, rat żieda totali ulterjuri fil-medja tad-dewmien tat-trażmissjonijiet, jigiġifieri l-perjodu li jkun għadda bejn meta jittieħdu l-marki tas-swaba' u li jintbagħtu lill-Unità Ċentrali EUODAC. Din iż-żieda b'mod ġenerali tista' tiġi attribwita lill-Greċja fejn id-dewmien medju għat-trażmissjoni tad-dejta ta' "kategorija 2" twal minn 36,35 jum għal 54,99 jum li hu l-akbar dewmien għal kwalunkwe kategorija ta' dejta f'kull Stat Membru. Stati Membri oħra b'dewmien sinifikanti kienu l-Islanda, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Rumanija u r-Renju Unit. Il-Kummissjoni trid ittenni li trażmissjoni tard tista' tirriżulta fin-nominazzjoni żbaljata ta' Stat Membru minħabba żewġ xenarji differenti msemmija fir-rapport annwali preċedenti: "hits ħżiena"¹⁶ u "hits mitlufa"¹⁷.

¹⁶ Fil-każ tal-hekk imsejja **"hit żbaljata"**, ċittadin ta' pajjiż terz jitfa' applikazzjoni għall-asil fi Stat Membru (A), fejn l-awtoritajiet jeħdulu l-marki tas-swaba'. Fil-waqt li daww il-marki tas-swaba' għadhom qed jistennew biex ikunu trażmessi lill-Unità Ċentrali (tranżazzjoni tal-kategorija 1), l-istess persuna tista' tippreżenta lilha nnifisha fi Stat Membru (B) u tagħmel talba oħra għall-asil. Jekk il-marki tas-swaba' jintbagħtu l-ewwel mill-Istat Membru B, il-marki tas-swaba' mibgħuta mill-Istat Membru A jiġu rreġistrati fid-database Ċentrali aktar tard mill-marki tas-swaba' mibgħuta mill-Istat Membru B u għandhom b'hekk jirriżultaw bħala hit mid-dejta mibgħuta mill-Istat Membru B meta mqabbla mad-dejta mibgħuta mill-Istat Membru A. B'hekk, l-Istat Membru B jkun ddeterminat li jkun responsabbli minflok l-Istat Membru A fejn applikazzjoni għall-asil kienet iddepożitata għall-ewwel darba.

¹⁷ Fil-każ tal-hekk imsejja **"hit mitlufa"**, ċittadin ta' pajjiż terz maqbud f'konnessjoni ma' qsim irregolari tal-fruntiera u l-marki tas-swaba' tiegħu jittieħdu mill-awtoritajiet tal-Istat Membru (A) fejn hu jkun daħal. Fil-waqt li daww il-marki tas-swaba' għadhom qed jistennew biex ikunu trażmessi lill-Unità Ċentrali (tranżazzjoni tal-kategorija 2), l-istess persuna tista' tippreżenta lilha nnifisha fi Stat Membru ieħor (B) u tippreżenta applikazzjoni għall-asil. F'dik l-okkażjoni, il-marki tas-swaba' tiegħu jittieħdu mill-awtoritajiet tal-Istat Membru (B). Jekk dan l-Istat Membru (B) jibgħat il-marki tas-swaba' (tranżazzjoni tal-kategorija 1) qabel, l-Unità Ċentrali għandu jirreġistra tranżazzjoni tal-kategorija 1 l-ewwel, u l-Istat Membru (B)

Minkejja dan l-iżvilupp, in-numru totali ta' hits mitlufa minħabba dewmien fit-trażmissjoni ta' marki tas-swaba' naqas bejn l-2009 (1 060) u l-2010 (362).

Bħas-sena preċedenti, hu notevoli l-fatt li l-maġġoranza enormi tal-hits mitlufa tista' tiġi attribwita għad-dewmien fit-trażmissjoni min-naħa tal-Greċja, partikolarment 353 (97.5%). U l-mudell fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-hits ħżiena segwa wkoll l-istess mudell bħal tas-sena 2009 fis-sens li d-dewmien fit-trażmissjoni mid-Danimarka rriżulta f'46 hits ħżiena minn total ta' 83. Abbażi tar-riżultati ta' hawn fuq, il-Kummissjoni mill-ġdid thegġegħ lill-Istati Membri biex jagħmlu l-isforzi kollha meħtieġa biex jibagħtu minnufih id-dejta skont l-Artikoli 4 u 8 tar-Regolament EURODAC.

3.4. Il-kwalità ta' tranżazzjonijiet

Fl-2010, ir-rata medja ta' tranżazzjonijiet irrifjutati¹⁸ għall-Istati Membri kollha żdiedet minn 8,92%, 'il fuq minn 7,87% fl-2009. L-10 Stati Membri li ġejjin kellhom rata ta' rifjut ta' 10% jew aktar: Malta (19,42%), l-Estonja (16,67%), il-Portugall (16,45%), Franza (13,58%), il-Pajjiżi l-Baxxi (12,33%), il-Ġermanja (12,24%), ir-Renju Unit (11,77%), il-Litwanja (11,74%), l-Isvezja (10,39%) u l-Islanda (10%). 12-il Stat Membru kellhom rata ta' rifjut ogħla mill-medja.

Ir-rata ta' rifjut ma kinetx tiddependi mit-teknoloġija jew dgħufija fis-sistema. Il-kawżi ta' din ir-rata ta' rifjut kienu prinċipalment marbuta mal-kwalità baxxa tal-immaġini tal-marki tas-swaba' mibgħuta mill-Istati Membri, żbalji umani jew il-konfigurazzjoni żbaljata tat-tagħmir li l-Istat Membru li qed juża biex jibgħat. Min-naħa l-oħra, f'xi każi dawn iċ-ċifri inkludew numru ta' attentati biex jintbagħtu l-istess marki tas-swaba' wara li dawn kienu irrifjutati mis-sistema għal raġunijiet ta' kwalità. Filwaqt li jiġi rikonoxxut li xi dewmien jista' jiġi kkawżat minħabba li għal perġodu mhux ser ikun possibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' (il-ponot tas-swaba' jkunu danneġġati jew kondizzjonijiet tas-saħħa oħrajn li jfixxlu t-teħid mill-ewwel tal-marki tas-swaba'), il-Kummissjoni ttenni l-problema ta' rati ta' rifjut li ġeneralment hi ogħlja li diġa hi enfasizzata minn rapporti annwali preċedenti, u l-Kummissjoni thegġegħ lill-Istati Membri biex jipprovdu taħriġ speċifiku tal-operaturi nazzjonali EURODAC, kif ukoll biex jikkonfiguraw it-tagħmir tagħhom biex inaqqsu din ir-rata ta' rifjut.

4. KONKLUŻJONIJIET

L-Unità Ċentrali tal-EURODAC ipprovdiet riżultati sodisfaċenti matul l-2010 f'termini ta' veloċità, output, sigurtà u kost-effettività.

¹⁸

għandu jieħu ħsieb l-applikazzjoni minflok l-Istat Membru A. Fil-fatt, meta tranżazzjoni tal-kategorija 2 tasal iktar tard, tintilef hit għaliex id-dejta tal-kategorija 2 ma tkunx tista' titfittex. Tranżazzjoni tista' tiġi irrifjutata minħabba kwistjoni ta' validazzjoni tad-dejta, żbalji fil-marki tas-swaba' kew kwalità insuffiċjenti (ara wkoll taqsima 3.1. ibid).

Fl-2010, il-volum ġenerali tat-trażazzjonijiet naqas bi 15,3% (sa 299 459), bi tnaqqis fit-tliet(3) kategoriji ta' tranżazzjonijiet kollha kemm huma. In-numru ta' tranżazzjonijiet ta' 'kategorija 1' naqas b'9% (għal 215 463), filwaqt li n-numru ta' tranżazzjonijiet ta' 'kategorija 2' naqas b'64% (għal 11 156) u n-numru ta' tranżazzjonijiet ta' 'kategorija 3' naqas b'14.8% (għal 72 840).

Ir-rata medja ta' tranżazzjonijiet irrifjutati għall-Istati Membri kollha żdiedet minn 8,92% fl-2010, 'il fuq minn 7,87% fl-2009.

Jibqa' xi tħassib dwar id-dewmien persistenti u xi kultant anke qed jiżdied fit-trażmissjoni tad-dejta lill-Unità Ċentrali tal-EURODAC.

ANNESS

Tabella 1: L-Unità Ċentrali tal-EURODAC, l-istatus tal-kontenut tad-Database fil-31/12/2010

	CAT1	CAT2	Blocked CAT1	
AT	101,347	264	6,999	
BE	109,448	12	3,584	
BG	2,956	908	12	
CH	24,547	0	1,024	
CY	26,633	24	0	
CZ	13,313	0	357	
DE	210,056	17	11,817	
DK	11,633	0	0	
EE	97	2	8	
ES	30,163	3,400	442	
FI	20,010	12	333	
FR	280,495	1,174	0	
GR	90,793	20,589	0	
HU	14,706	1,736	302	
IE	25,459	9	1,882	
IS	279	0	0	
IT	115,046	8,949	1,372	
LT	1,001	1	35	
LU	5,354	0	17	
LV	167	0	0	
MT	6,293	137	0	
NL	66,874	13	3,158	
NO	64,949	0	8	
PL	33,031	26	378	
PT	943	0	0	
RO	3,248	183	254	
SE	159,190	4	2,104	
SI	3,125	46	31	
SK	14,930	86	1	
UK	230,450	562	26,578	
	1,666,536	38,154	60,696	1,704,690

Tabella 2: Tranżazzjonijiet b'suċċess lejn l-Unità Ċentrali tal-EURODAC, fl-2010

	Category1	Category2	Category3	TOTAL
AT	8,144	125	4,548	12,817
BE	19,236	11	3,734	22,981
BG	822	554	374	1,750
CH	11,824	2	5,519	17,345
CY	2,162	12	285	2,459
CZ	616	0	1,082	1,698
DE	31,715	11	20,167	51,893
DK	4,306	1	697	5,004
EE	22	2	13	37
ES	2,071	1,674	685	4,430
FI	2,815	15	118	2,948
FR	35,844	537	5,659	42,040
GR	9,718	4,486	10	14,214
HU	1,735	728	591	3,054
IE	1,608	6	0	1,614
IS	36	0	8	44
IT	11,406	2,485	779	14,670
LT	338	6	105	449
LU	552	0	139	691
LV	49	0	15	64
MT	144	7	88	239
NL	11,249	12	11,578	22,839
NO	8,250	0	2,866	11,116
PL	4,085	14	440	4,539
PT	122	0	47	169
RO	893	112	432	1,437
SE	23,995	2	189	24,186
SI	191	19	283	493
SK	422	57	385	864
UK	21,093	278	12,004	33,375
TOTAL	215,463	11,156	72,840	299,459

Tabella 3: Tqassim tal-hits – Kategorija 1 mqabbla ma' Kategorija 1, fl-2010

Category 1 against Category 1 From 01/01/2010 00:00:00 to 31/12/2010 23:59:59

HIT countries	AT	BE	BG	CH	CY	CZ	DE	DK	EE	ES	FI	FR	GR	HU	IE	IS	IT	LT	LU	LV	MT	NL	NO	PL	PT	RO	SE	SI	SK	UK	Total Local	Total
Sender																																
AT	2176	124	4	377	3	66	213	33	1	21	27	139	84	616	5	2	256	7	19	0	8	68	73	751	1	65	135	28	208	69	2176	5579
BE	379	6874	9	270	9	20	534	65	0	58	93	447	140	243	14	1	267	32	65	1	11	416	181	890	3	20	331	19	42	205	6874	11639
BG	11	1	243	1	3	0	8	2	0	0	1	1	10	0	0	0	2	0	0	0	0	7	4	2	0	3	10	0	0	7	243	316
CH	1115	312	23	1419	8	27	676	54	0	144	81	398	159	229	14	0	2139	27	33	2	62	217	250	302	8	27	386	32	105	134	1419	8383
CY	0	0	1	0	74	0	3	0	0	0	1	0	1	0	0	0	0	0	0	0	0	2	1	0	0	0	2	0	0	2	74	87
CZ	32	8	1	16	1	494	34	5	0	3	4	6	1	3	1	0	3	3	2	0	0	19	19	10	0	3	31	0	1	0	494	700
DE	600	497	39	559	9	44	1876	90	0	67	121	393	506	300	10	2	592	52	28	0	136	463	498	659	3	60	962	27	90	155	1876	8838
DK	130	103	5	78	3	6	111	251	0	14	96	69	165	80	8	2	154	9	13	0	19	62	608	115	0	12	617	8	6	71	251	2815
EE	1	0	0	0	0	0	1	0	1	0	5	0	0	0	0	0	0	2	0	2	0	0	1	0	0	0	1	0	0	0	1	14
ES	36	26	0	53	1	5	34	3	0	149	4	49	7	20	5	0	22	1	3	0	1	30	28	5	4	2	30	0	0	5	149	523
FI	64	54	15	40	0	5	114	67	2	12	349	47	67	19	3	2	184	34	3	0	86	74	282	116	0	5	545	3	6	41	349	2239
FR	855	463	21	336	13	69	512	52	0	137	69	1625	346	405	26	3	704	41	31	0	82	320	224	2081	8	28	328	31	84	318	1625	9212
GR	180	80	28	47	16	3	50	22	0	10	38	48	720	108	4	0	18	1	2	0	1	40	253	7	0	11	88	4	6	66	720	1851
HU	329	62	12	81	0	5	80	14	0	1	10	76	111	722	2	0	16	0	0	0	0	32	27	12	0	58	54	5	27	33	722	1769
IE	10	6	0	2	3	0	6	1	0	3	7	12	8	3	270	0	16	1	1	0	0	6	8	1	0	1	10	0	2	98	270	475
IS	5	0	0	1	0	0	4	2	0	0	0	0	1	0	0	0	4	0	1	0	2	3	5	0	0	0	7	0	0	2	0	37
IT	389	131	4	237	2	23	223	50	1	39	49	174	274	180	6	0	3340	1	7	0	230	134	253	41	0	27	203	18	41	335	3340	6412
LT	30	10	2	7	0	3	17	0	0	0	8	15	2	15	0	0	0	12	1	0	0	9	9	21	0	0	19	0	4	2	12	186
LU	20	67	0	31	0	1	35	2	0	6	5	15	24	4	0	0	15	1	11	0	4	27	20	9	0	1	37	2	2	3	11	342
LV	0	0	0	0	0	0	0	0	1	1	1	0	0	0	0	0	1	2	0	0	0	0	2	1	0	0	6	0	0	0	0	15
MT	0	0	0	2	0	0	0	0	0	0	1	1	0	0	0	0	2	0	0	0	10	2	1	0	0	0	9	0	0	1	10	29
NL	211	441	11	177	8	49	286	59	1	57	73	223	138	70	6	3	373	9	33	2	85	2125	225	445	4	11	388	6	28	151	2125	5698
NO	144	93	13	162	4	9	224	161	1	46	146	76	122	54	8	4	579	10	10	2	88	109	520	166	1	8	869	4	10	74	520	3717
PL	309	107	2	51	0	25	112	23	1	2	8	99	3	6	3	0	6	17	3	2	0	78	32	1845	1	3	62	0	21	3	1845	2824
PT	3	3	0	3	0	0	2	0	0	8	0	3	1	1	0	0	1	0	1	0	0	1	3	1	3	0	1	0	0	0	3	35
RO	72	10	16	9	0	4	14	0	0	1	3	27	23	37	4	0	0	0	0	0	0	2	2	3	0	46	8	0	25	11	46	317
SE	342	158	18	227	6	40	525	332	1	48	414	195	166	135	20	1	1047	38	12	5	463	319	1194	199	3	21	2950	10	14	165	2950	9068
SI	19	4	3	9	3	2	11	1	0	0	0	4	5	15	1	1	6	0	1	0	4	3	2	0	0	0	13	4	0	2	4	113
SK	125	11	0	14	0	5	24	2	0	0	8	5	1	7	0	0	5	0	1	0	0	9	5	3	0	0	1	1	276	17	276	520
UK	106	152	5	41	8	8	225	34	0	10	36	287	126	45	228	2	484	1	5	0	14	108	106	7	1	8	111	2	47	2881	2881	5088
Total	7693	9797	475	4250	174	913	5954	1325	10	837	1658	4434	3211	3317	638	23	10236	301	286	16	1306	4685	4836	7692	40	420	8214	204	1045	4851	31266	88841

Tabella 4: Tqassim tal-hits – Kategorija 1 mqabbla ma' Kategorija 2, fl-2010

Category 1 against Category 2																																	From 01/01/2010 00:00:00 to 31/12/2010 23:59:59										Total Local	Total
HIT countries	AT	BE	BG	CH	CY	CZ	DE	DK	EE	ES	FI	FR	GR	HU	IE	IS	IT	LT	LU	LV	MT	NL	NO	PL	PT	RO	SE	SI	SK	UK														
Sender																																												
AT	47	0	0	0	0	0	0	0	0	4	0	2	349	160	0	0	164	0	0	0	0	0	0	0	0	16	0	1	24	0	47	767												
BE	3	6	1	0	0	0	0	0	0	39	0	22	361	34	0	0	98	0	0	0	1	1	0	0	0	2	0	0	0	1	6	569												
BG	0	0	465	0	0	0	0	0	0	0	0	0	19	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	465	484													
CH	9	0	8	1	0	0	0	0	0	39	0	8	300	56	0	0	1222	0	0	0	9	0	0	0	0	5	0	0	10	0	1	1667												
CY	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1													
CZ	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	2	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	2													
DE	8	0	19	0	0	0	4	0	0	14	0	34	1478	82	0	0	419	0	0	0	7	0	0	0	0	9	0	0	5	1	4	2080												
DK	1	0	1	0	1	0	0	0	0	0	0	8	558	16	0	0	74	0	0	0	1	0	0	0	0	3	0	0	0	1	0	664												
EE	0	0	0	0	0	0	0	0	2	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	2	2													
ES	0	0	0	0	0	0	0	0	0	298	0	3	19	7	0	0	8	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	298	336												
FI	0	0	7	0	0	0	0	0	0	1	6	1	96	5	0	0	103	0	0	0	6	0	0	0	0	0	0	0	0	0	6	228												
FR	3	0	8	0	0	0	0	0	0	98	0	381	886	76	0	0	263	0	0	0	4	0	0	0	0	8	0	0	1	2	381	1730												
GR	5	0	1	0	0	0	0	0	0	2	0	0	1574	15	0	0	7	0	0	0	0	0	0	0	0	1	0	1	0	0	1574	1606												
HU	2	0	2	0	0	0	0	0	0	0	0	0	344	284	0	0	4	0	0	0	0	0	0	0	0	11	0	0	0	0	284	647												
IE	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	2	20	1	4	0	5	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	4	32												
IS	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	2												
IT	4	0	3	0	0	0	0	0	0	15	0	1	392	34	0	0	1138	0	0	0	21	0	0	0	0	0	0	1	0	1	1138	1610												
LT	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1	1	0	0	0	3	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	3	5												
LU	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	11	1	0	0	9	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	21												
LV	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0												
MT	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1	0	0	0	5	0	0	0	0	0	0	0	0	0	5	6												
NL	2	0	4	0	0	0	0	0	0	16	0	24	437	10	0	0	234	0	0	0	4	5	0	0	0	1	0	0	5	0	5	742												
NO	0	0	1	0	0	0	0	0	0	5	0	5	313	10	0	0	326	0	0	0	5	0	0	0	0	1	0	0	0	0	0	666												
PL	0	0	2	0	0	0	0	0	0	0	0	0	3	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	6												
PT	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1	1	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	3												
RO	1	0	11	0	0	0	0	0	0	0	0	0	45	8	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	52	0	0	0	0	52	117												
SE	3	0	8	0	0	0	0	0	0	2	0	13	635	17	0	0	642	0	0	0	14	0	0	0	0	2	0	0	3	0	0	1339												
SI	0	0	3	0	0	0	0	0	0	0	0	0	13	2	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	19												
SK	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	4	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	22	0	22	27												
UK	3	0	1	0	0	0	0	0	0	3	0	26	645	8	1	0	170	0	0	0	1	0	0	0	0	2	0	1	0	23	23	884												
Total	92	6	545	1	1	0	4	0	2	536	6	530	8508	829	5	0	4890	3	0	0	79	6	0	0	0	113	0	4	70	29	4320	16259												

Tabella 5: Tqassim tal-hits – Kategorija 3 mqabbla ma' Kategorija 1, fl-2010

Category 3 against Category 1 From 01/01/2010 00:00:00 to 31/12/2010 23:59:59

HIT																													Total	Total		
countries	AT	BE	BG	CH	CY	CZ	DE	DK	EE	ES	FI	FR	GR	HU	IE	IS	IT	LT	LU	LV	MT	NL	NO	PL	PT	RO	SE	SI	SK	UK	Local	
Sender																																
AT	1843	29	4	178	2	15	166	11	0	17	17	79	50	288	9	1	229	9	13	0	10	31	54	124	1	68	54	13	163	33	1843	3511
BE	104	1042	2	45	2	5	154	9	0	26	18	212	26	28	6	0	77	1	15	0	4	94	23	32	3	3	48	3	18	101	1042	2101
BG	8	5	40	2	3	0	12	0	0	0	0	2	17	0	5	0	3	0	0	0	0	2	2	1	0	2	8	0	1	6	40	119
CH	515	139	10	1839	1	10	321	21	0	41	27	257	43	140	4	0	478	7	17	0	8	88	66	107	2	15	111	9	43	62	1839	4381
CY	0	0	0	0	70	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	70	70
CZ	84	5	0	7	0	169	28	1	0	0	0	12	0	4	1	0	7	0	1	0	0	1	4	23	0	0	5	0	15	3	169	370
DE	838	487	46	410	7	71	1492	159	1	68	107	563	330	315	13	4	690	37	49	0	50	385	497	471	5	47	714	34	87	167	1492	8144
DK	18	14	0	13	0	0	60	52	0	14	18	11	8	5	2	0	56	0	2	0	2	16	57	4	1	1	246	0	3	13	52	616
EE	2	0	0	0	0	0	0	0	0	0	3	0	0	0	0	0	0	9	0	0	0	0	0	1	0	0	2	0	2	0	0	19
ES	6	9	0	11	0	0	8	0	0	50	5	15	6	1	0	1	3	0	2	0	5	5	24	2	0	0	8	0	0	2	50	163
FI	3	7	0	0	0	0	8	1	0	1	33	3	0	0	0	0	7	0	0	0	0	1	11	1	0	0	55	0	1	3	33	135
FR	124	278	1	94	2	15	220	21	0	19	29	394	139	106	18	0	387	2	2	0	7	70	87	28	0	9	76	6	19	473	394	2626
GR	0	1	0	0	0	0	1	0	0	0	0	1	3	0	1	0	5	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	3	3	15
HU	85	22	2	30	0	2	57	10	0	2	4	34	18	442	2	0	9	0	3	0	0	10	10	0	0	9	31	5	9	8	442	804
IE	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0
IS	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	2	2	0	0	0	4	0	0	2	0	10	
IT	11	4	0	15	0	0	12	1	0	2	0	13	6	2	0	0	133	0	0	0	3	3	2	2	0	1	2	0	1	3	133	216
LT	0	2	6	4	0	0	0	0	0	0	5	1	0	2	0	0	0	24	0	0	0	0	6	0	0	0	5	0	0	2	24	57
LU	8	28	0	8	0	0	19	2	0	1	6	14	2	3	0	0	6	0	22	0	0	7	8	0	0	0	14	4	1	7	22	160
LV	1	0	0	0	0	0	4	0	0	0	3	5	0	1	0	0	0	4	0	0	0	4	0	0	0	3	0	0	0	0	0	25
MT	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1	2	2	0	0	0	1	0	0	0	2	0	0	0	0	0	1	0	0	0	2	9
NL	218	641	6	111	1	24	416	54	0	49	56	363	54	50	15	1	327	12	39	0	79	2776	245	157	2	6	303	10	35	141	2776	6191
NO	69	27	2	67	3	3	152	62	0	40	62	29	37	13	2	7	196	1	6	0	11	35	940	18	0	7	382	1	2	51	940	2225
PL	16	15	2	5	0	2	20	15	0	4	4	17	0	5	3	0	5	2	1	0	0	4	13	130	2	1	17	0	2	3	130	288
PT	1	4	0	1	0	0	1	1	0	7	1	1	1	3	0	0	2	0	1	0	0	1	4	1	1	0	1	0	0	2	1	34
RO	22	3	9	5	0	4	9	0	0	1	1	14	4	16	0	0	1	0	0	0	0	0	3	1	0	83	4	0	16	5	83	201
SE	4	5	0	3	1	0	6	4	0	2	2	0	2	3	0	0	20	0	0	1	2	5	30	2	0	1	66	0	0	6	66	165
SI	22	5	3	18	0	5	15	4	0	1	0	4	6	13	0	1	10	0	2	0	3	3	9	0	0	0	13	61	2	1	61	201
SK	128	8	1	10	0	2	17	0	0	0	1	5	0	18	0	0	8	0	1	0	0	1	3	14	0	0	2	0	212	5	212	436
UK	78	32	0	11	2	10	171	3	0	3	4	71	17	31	135	0	53	0	3	0	1	18	6	5	0	3	24	1	44	624	624	1350
Total	4208	2812	134	2887	94	337	3369	431	1	348	407	2122	771	1489	216	15	2713	108	179	1	187	3558	2110	1124	17	256	2199	147	676	1726	12543	34642

Tabella 6: Tranżazzjonijiet rifjutati, perċentwal fl-2010




Tabella 7: Tull ta' żmien medju bejn id-data meta ttieħdu l-marki tas-swaba' u meta ntbagħtu lill-Unià Ċentrali tal-EURODAC, fl-2010




Tabella 8: Hit ta' Kategorija 1 mqabbla ma' Kategorija 1 fis-sens ħażin, fl-2010

	AT	BE	CH	DE	DK	FI	FR	HU	NL	NO	PL	SE	UK	Total
BE	0	0	0	1	0	0	0	0	0	1	0	0	0	2
CH	0	0	0	1	0	0	1	0	0	0	0	0	0	2
DE	2	3	1	0	0	0	0	1	0	0	0	1	0	8
DK	0	1	0	0	0	4	1	0	0	11	0	29	0	46
ES	0	0	1	3	0	0	0	0	1	0	0	1	0	6
FI	0	1	0	2	0	0	0	0	0	1	1	3	0	8
FR	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1	0	0	1
GR	1	0	1	0	0	0	0	3	0	0	0	0	0	5
NL	0	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	1	2
SE	0	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	1	2
UK	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1
Total	3	5	4	7	2	4	2	4	1	13	2	34	2	83

Tabella 9: Distribuzzjoni tal-hits ta' CAT1/CAT2 li ntilfu minħabba li damu ma ntbagħtu l-CAT 2, fl-2010

	AT	BE	CH	DE	DK	FI	FR	HU	IT	NL	NO	RO	SE	UK	Total
ES	0	0	1	0	0	0	2	0	0	0	0	0	0	0	3
FR	0	2	1	1	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	5
GR	17	13	13	126	32	9	13	16	9	28	39	2	22	14	353
NL	0	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1
Total	17	15	15	127	34	9	15	16	9	28	39	2	22	14	362

Tabella 10: Distribuzzjoni ta' hits imqabbla ma' każi bblokkati (l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-KE 2725/2000), fl-2010

	AT	BE	CH	CZ	DE	ES	HU	IE	IT	LT	NL	PL	RO	SE	UK	Total
AT	17	0	0	1	1	0	2	0	1	0	0	4	0	0	0	26
BE	0	3	0	2	1	1	2	0	4	5	0	27	0	0	1	46
CH	0	0	4	0	1	0	1	0	12	4	0	0	2	0	0	24
CZ	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1
DE	14	2	1	2	16	1	1	1	15	1	3	2	5	2	0	66
DK	0	1	0	0	0	0	1	0	3	1	0	3	0	1	0	10
ES	0	0	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1
FI	0	0	0	0	0	0	0	0	4	0	0	5	0	0	0	9
FR	4	2	2	0	1	0	1	0	24	0	0	10	0	0	1	45
HU	0	0	0	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	0	1
IE	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1	0	0	1
IT	0	0	0	0	0	0	0	0	8	0	0	0	0	0	1	9
LT	1	2	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	3
NL	0	0	0	0	1	0	1	1	11	0	7	1	0	0	0	22
NO	0	1	0	0	0	2	1	0	16	0	0	6	0	1	1	28
PL	4	3	0	0	1	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	9
RO	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1	0	0	1
SE	0	0	0	2	1	5	3	1	19	1	0	4	0	0	0	36
SK	0	0	0	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	0	1
UK	3	0	0	0	1	0	2	9	31	0	0	0	0	0	17	63

Tabella 11: In-numru tal-kategorija 9 għal kull Stat Membru, fl-2010

	IAN	FEB	MAR	APR	MAI	IUN	IUL	AUG	SEP	OCT	NOV	DEC	Total
BE									1	1	2		4
CH		1	8	1							1		11
ES										6	5	3	14
FI	1							2					3
FR	2	1	4			1		2		2	6	3	21
MT	1	1		3		1				1			7
SK										4			4
UK			1						1				2
	4	3	13	4	0	2	0	4	2	14	14	6	66